MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2014

Numru. 1098/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**
**Spettur Kevin J Farrugia**

**VS**

**Bjorn Grima, iben Vincent u Vincenza nee' Spiteri, imwieled Tal Pieta' nhar it-2 ta' Lulju, 1985, residenti fil-fond Flat 4, Blokk 1, Triq l-Ordinanza, Valletta, detentur tal-karta tal-identita' numru 344185M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsmemi **Bjorn Grima** li gie akkuzat talli:

1. Nhar is-17 ta' Ottubru, 2010, ghall-habta tas-6.30pm, minn gewwa l-fond numru 26, St Mary, Triq l-Imnajjar, Birkirkara, flimkien ma' zewg persuni ohra mhux

maghrufa, ikkommetta serq ta’ flus kontanti, gojjellerija, u/jew xi oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-lok, u li sar ghad-detriment ta’ Maria Lourdes Muscat, u/jew ta’ persun/i ohra;

2. U aktar talli ppromwova, ikkostitwixxa, organizza, jew iffinanzja ghaqda ta’ zewg persuni jew aktar bil-hsieb illi jaghmlu reati kriminali, li ghalihom jistghu jehlu l-piena ta’ prigunerija ghal zmien erba’(4) snin jew aktar;

3. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li huwa gie misjub hati permezz ta’ sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat illi l-imputat wiegeb illi ma kinx hati waqt l-interrogatorju.

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, taht liema hemm mahsuba li tista’ tinstat htija, u cioe’:

a. Fl-Artikoli 261(a)(b)(c)(e), 262(1)(b), 263(a), 267, 269(g), 276, 278, 279(b), 280(2), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b. Fl-Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c. Fl-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d. Fl-Artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 289, 83A, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi moqrija l-Artikoli a folio 290, l-imputat wiegeb illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji (folio 291).

Illi l-fattispecie ta’ din il-kawza huma li saret serqa mill-fond ta’ Maria Lourdes Muscat waqt illi din kienet il-quddiesa. Il-Prosekuzzjoni prezentat CCTV recording li fih jidher van abjad, allegatament mikri lill-imputat fil-gurnata tas-serqa minn certu Avallone, van illi kif ser jirrizulta mix-xhieda gie hekk identifikat.

Xehed ghalhekk l-**<u>Ispettur Joseph Mercieca</u>**. Qal dan illi gie nfurmat bl-assistenza mill-pulizija li kienu ghaddejin mit-triq, li nghatat lil certa Maria Lourdes Muscat minn PS 221, minhabba li nstemghet tghajjat li kienet giet misruqa. Meta acceda fuq il-post derubat, l-istess ra l-bieb ta’ barra tal-injam sgassat. Hemm induna wkoll l-Ispettur illi faccata tal-fond kien hemm anke CCTV li giet fil-fatt elevata. Fiehem l-Ispettur dak li rrizulta mill-istess filmat, u cioe’ li fil-hin tas-serqa dehret it-Toyota ta’ kulur abjad b’carrier fuq l-istess vettura. Spjega li kien hemm anke tiben fuq wara tal-van in kwistjoni. Spjega wkoll illi fin-naha tal-genb, dan il-van kellu sliding door li minnu nizlu zewg persuni li marru gewwa r-residenza tad-derubata.

Xehed illi dawn in-nies kienu jidhru jbaghbsu mal-bieb ta’ Muscat, u sussegwentement jidhlu gewwa. Spjega li minn investigazzjonijiet ulerjuri, irrizultalhom illi dan il-vann, misjub aktar tard minn PS 241 u PC 142, kien fil-hin tas-serqa mikri lill-imputat mis-socjeta’ Ray’s Car Hire.
Gie anke mitkellem dan Ray, illi kkonferma dan. Il-vettura in kwistjoni rrizultat illi kien Toyota Litace bin-numru ta’ registrazzjoni IAA456.

Gie arrestat ghalhekk dan Bjorn Grima, li moghti d-drittijiet tieghu, ghazel illi jirrinunzja ghad-dritt ta’ avukat (vide l-istess dikjarazzjoni), u rrilaxxa l-istqarrija (folio 10), fejn wiegeb ghal domanda wahda.

Irrizultalu wkoll lill-Ispettur illi l-mobile tal-imputat bin-numru 79222296 kien gie uzat dakinhar tas-serqa fil-hin tal-istess, xi tliet darbiet fl-akkwati ta’ Birkirkara.

Xehed anke in kontro ezami u kkonferma illi fil-kors tal-investigazzjoni kien irrizultalu li l-imputat kellu diversi vetturi registrati fuqu - dejjem fiz-zmien tal-allegat reat. Ikkonferma li din l-investigazzjoni kien ghamilha bhala ricerka fuq is-sistema tal-PIRS. Ikkonferma wkoll illi kien kellem lil persuna li l-akkuzat kellu relazzjoni maghha – certa Josanne Farrugia, li kienet tghix fl-akkwati ta’ fejn sehh l-allegat reat; anke li l-imputat kellu wild minn din Farrugia. Ikkonferma li xi hadd, Farrugia jew l-imputat, kien semmielu li l-gurnata tal-Hadd kienu johorgu t-tarbija,

kif ukoll illi ma seta’ jghid xejn biex jikkontradixxi dan. Lanqas ma seta’ jghid l-Ispettur ghand min kien il-vann meta saret is-serqa, hlief illi kien mikri lil Bjorn Grima. Ikkonferma wkoll illi Grima, l-imputat, kera l-vann fuq ismu. Ikkonferma li hu kien qieghed isejjes il-kaz fuq il-fatt illi l-vann kien mikri lil Grima. Daqstant ikkonferma li ma kinx jaf jekk l-imputat kinx ta l-van lil haddiehor waqt illi kien mikri lilu.

Minn naha tieghu, l-**Ispettur Kevin Farrugia** xehed ukoll dwar ir-rapport ta’ mara li talbet l-ghajnuna ghax kienet giet misruqa minn darha. Xehed illi saret Inkjesta Magisterjali. Zied kif pulizija ohra kienu nnutaw il-vann abjad illi kien jidher involut f’din is-serqa. Xehed ukoll dwar is-CCTV cameras elevati.

Minn naha taghhom, dwar il-vann, xehdu PS 241 Nicholas Farrugia u PC 1142 Gary Scerri.

**PS 241 Nicholas Farrugia** xehed dwar l-involvivment tieghu fit-tfittxija tal-vettura Toyota Litace bajda, bin-numru tar-registrazzjoni IAA456. Qal illi ta’ din il-vettura kellhom ritratti mehuda minn filmat tas-CCTV li tan-numru kienu jidhru 456 biss. Qal illi dan il-vann kellu identifikabbli l-arma tat-Toyota, li ghalih il-vann zgur ma kinx hareg biha ghax kienet wahda moderna, kif ukoll ir-rimmijiet. B’hekk, setghu jidentifikawh. Qal ukoll illi kif jidher fuq ir-ritratti, il-vann anke kellu t-tiben fuqu meta rawh ipparkjat, kif ukoll mill-carrier u mal-parakwa fejn jidher il-carrier. Gharaf il-vann minn folio 54 (Dok MB).

Dwar l-arma qal illi l-vann kien wiehed manifatturat fis-snin tmenin (80) jew disghin (90), mentri l-arma tat-Toyota fuqu kienet wahda aktar moderna. Insista wkoll illi r-rimmijiet fuq il-vann misjub kienu partikolari ghalih. Gharaf ukoll ir-ritratti mmarkati 117 u 118, illi minn fuqhom gharaf il-vann waqt it-tfittxija.

Minn naha tieghu, **PC 442 Gary Scerri**, xehed u kkonferma li waqt ronda gie nnutat vann ta’ kulur abjad bin-numru tar-registrazzjoni IAA456 li kien jikkombaca ma’ ritratt illi kellhom il-pulizija tal-istess vann, ritratt mghoddi

lilhom mis-CID. Qal ukoll illi dan il-vann ingharaf mir-rimmijiet partikolari li kellu. Ikkonferma ghalhekk ir-ritratti ezebiti a folio 54 u 58 tal-atti (Dok MB). Zied illi dan il-vann kellu wkoll partikolaritajiet ohra biex ingharaf, bhal carrier illi anke kellu tiben imwahhal mieghu, u anke illi l-istess tiben kien imwahhal mill-parakwa, illi gharaf ukoll mir-ritratt a folio 56.

Aktar tard, gie muri wkoll ritratti ohra mmarkati 102 u 117, u kkonferma l-istess vann imfittex. Zied issa li gharfu anke mill-badge li kellu fuq quddiem.

Minn naha tieghu, **Ray Avallone** xehed illi hu kellu negozju ta' car hire kif ukoll illi Bjorn, l-imputat, kien talbu vann. Jghid illi l-ewwel vettura li hu kera minghandu kienet Kia Avella. Zied illi rega' kera l-istess vettura ghal tlitt ijiem. Qal ukoll illi fil-perjodu li gara l-kaz, kien talbu jekk kellux vann, ghax ried jitla' Ghawdex. Xehed illi kien qallu li kien ser jaqdieh ghax is-Sibt kellu jidhol wiehed. Spjega li dan kien van Toyota abjad bin-numru tar-registrazzjoni IAA456. Gie muri r-ritratti mid-dokument MB u gharaf il-vann bhala dak illi kien qieghed jixhed fuqu. Xehed illi gharaf il-vann mill-carrier illi kellu fuqu, li skondtu kien ezatt fin-nofs. Qal illi dan il-vann kien ilu ghandu tlitt(3) ijiem, u li hargu second hand. Kellu sittax(16) jew tmintax(18)-il sena. Ikkonferma li kien tieghu mija fil-mija mill-alloy wheels, rimmijiet, illi kienu tieghu ghax kien ghamilhomlu hu. Ezebixxa wkoll il-kuntratt tal-kirja. Spjega li dak minnu ezebit kienet karta li fuqha kien jikteb in-numru tal-vettura mikrija, meta ttiehdet, il-hin, u meta giet ritornata - dan fil-konfront tad-dokument RA, folio 85.
Qal illi kien jiftakar illi kif dahal lura l-vann is-Sibt filghodu, kien cempel lil Bjorn. Kien hadu wara kwarta li kien ghandu, cioe' kien gie ritornat, tant illi xehed illi lanqas lehaq naddfu. Xehed illi kien qallu li kien ser jiehdu ghal tlitt ijiem, pero wara qal illi kien jahseb li dan Bjorn kien qallu li l-Hadd kellu jkun lest minnu. Ghalhekk kien qallu li kien ser igibulu filghodu. Qal dan ix-xhud illi dwar dan kien staqsa lil Bjorn biex jirritornalu l-vann il-Hadd filghaxija, meta x-xhud kellu jinzel minn Ghawdex. Qal illi l-vann irritornahulu t-Tnejn filghaxija, ipparkjah il-pjazza fejn kien qallu.

Ezebixxa wkoll id-dokument RA1, il-kuntratt tal-ewwel vettura li kien kera lill-imputat. Ikkonferma li kien cempel lil Bjorn il-Hadd filghaxija, bejn is-6.00pm u s-6.30pm, biex dan jirritornalu l-vann. Hawn kien qallu li kien lest mill-vann, u li seta' jghaddihulu. Kien qallu li kien vicin Birkirkara.
Irrefera ghad-dokument RA, u qal illi l-vann IAA456 kien krieh lill-imputat fis-16 ta' Ottubru, 2010 fil-11.00am, u gie lura ghandu fis-17 ta' Ottubru, 7.44pm.

Xehdet ukoll **Josanne Farrugia**. Ikkonfermat illi kienet it-tfajla tal-imputat, u li minnu kellha tifel ta' sitt(6) snin. Mistoqsija jiekk fis-17 ta' Ottubru, l-imputat kinx maghha, wiegbet illi l-gurnata tal-Hadd (ghax dik kienet), gieli kienu johorgu bit-tifel, u gieli le. Spjegat illi filghdou hi u l-imputat kienu jqumu, isajru, jieklu, u wara nofsinhar imorru l-bandli. Ikkonfermat illi kienet toqghod Birkirkara.

Minn naha tieghu **Dr Martin Bajada** ezebixxa zewg rapporti, wara nomini ghalhekk, rapport minnhom ezebit bhala Dok MB a folio 50. F'din ir-relazzjoni Dr Bajada prezenta stills mahruga minn CCTV illi elevaw il-pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom, minn fejn allura hargu r-ritratti tal-vann allegatament involut fl-istess, illi gie aktar tard maghruf minn Ray Avallone.

Ezebixxa wkoll Dok MB1 a folio 110. Hawn Dr Martin Bajada hareg l-informazzjoni kollha. Senjalament il-Qorti tagheml referenza ghal folio 122, tergo, fejn Dr Bajada stabilixxa li wiehed mill-mobiles tal-imputat, fil-hinijiet 16.29.33, 16.52.37, 18.45.09, 18.54.37, fid-data tas-17 ta' Ottubru, 2010 - allura dik tas-serqa, l-imputat kien fl-akkwati ta' Birkirkara, f'Gemini Court, Triq l-Istazzjon; Phoenix Group Ltd, Phoenix Building, Regional Road, Santa Venera; Station Court, Holy Cross Road, Marsa.

Xehed konsegwentement ta' hekk, rapprezentant ta' Go Mobile - **Dr Anthony Bonnici**, li kkonferma anke l-informazzjoni mghoddija lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar mobile numbers hemm indikati, informazzjoni li kien ghadda lill-Ispettur Joseph Mericeca, u li fuqha tkompliet l-investigazzjoni tal-pulizija. Is-CD mghoddija lill-Ispettur

giet ghalhekk analizzata minn Dr Martin Bajada kif hawn fuq riprodott, Dok MB1.

Xehdet **Audrey Ghigo** in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc, prezentat diversi bank statements ta' kontijiet ta' u f'isem George Muscat - dan biex jintwera l-ammonti ta' flejjes illi l-istess George Muscat kien gibed zmien qabel is-serqa.
Naraw ghalhekk hrug mill-kontijiet f'ammonti ta' ghaxart elef Ewro (€10,000) folio 166; hamsa u tletin elf Ewro (€35,000) folio 217; u hamsa u tletin elf wiehed u tmenin Ewro u tlieta  tmenin centezmu (€35,081.83), ukoll folio 217 – dawn kollha fis-sena 2008. Withdrawal iehor sostanzjali ta' sebat elef Ewro (€7,000) u sebat elef hames mija u wiehed u erbghin Ewro u sebghin centezmu (€7,541.70) (folio 167 u 168), saru fis-sena 2009.

Illi dawn il-withdrawals kienu necessarji biex jissostanzjaw dak illi xehdet id-derubata **Maria Lourdes Muscat**. Qalet illi giet derubata mir-residenza taghha, numru 36, Mnarja Street, Birkirkara, fis-17 tax-xahar. Xehdet illi waqt din is-serqa hi kienet dak il-hin qieghda l-quddies, allura skondtha bejn is-6.45pm sas-7.30pm (circa). Xehdet illi telqet mid-dar fis-6.28pm. Qalet ukoll illi waslet il-quddies tard, ghax generalment tiehu ghaxar minuti biex tasal il-knisja. Xehdet illi sakkret il-bieb b'zewg dawriet ta' cavetta. Ziedet illi meta marret lura sabet il-bieb sgassat b'hadida, il-bieb kien anke migruf. Sabet anke kullimkien mixghul bid-dawl meta hi kienet certa li halliet kullimkien mitfi. Qalet illi meta rat hekk, waqqfet zewg pulizija li kienu ghaddejin minn triqitha. Dahlu dawn fid-dar ghax ix-xhud bdiet tibza'. Qalet illi dawn anke fittxewlha fid-dar fuq, ghalkemm hemm kellha l-linef maqlughin fuq parir tal-perit biex tibdel is-soqfa. Xehdet illi meta dahlet id-dar, sabet taqlib kullimkien. Nieqes sabet curkett ta' huha li ma kinitx taf kemm kien jiswa, iddeskrivietu biss bhala wiehed ohxon u kollu deheb b'forma ta' kaxxa li fuqu kellu l-ittri M u G. Iddeskriviet ukoll bhala misruqa zewg arloggi ta' huha; gizirana hoxna tad-deheb illi hi tatha valur ta' tlitt mitt lira Maltin (Lm300.00); brazzuletta 'qisha fidda', bil-kliem 'I love you' fuqha, bil-valur ta' mitejn lira Maltin (Lm200.00), ghax bhall-gizirana kienet hoxna.

Xehdet illi sabet nieqsa wkoll ammont ta’ hamsin elf Ewro (€50,000) fi flus, illi kienu maghluqa sew go komodina. Xehdet illi kissrulha wkoll il-gwardarobba u l-komodina. Hadulha wkoll tliet arloggi li kienu gol-kartiera taghha. Ziedet illi huha kien ilu mejjet tminn(8) xhur. Dwar il-flus, qalet illi dawk kien gibidhom huha mill-HSBC ta’ Birkirkara. Qalet ukoll illi ma kinx gibidhom kollha f’daqqa pero. Xehdet illi huha kien jismu George Muscat. Huha kien skondtha jahdem ma’ Ciantar Service Station, jizboh il-karozzi, u dam jahdem sakemm kellu wiehed u sittin (61) sena.

Il-**Maggur Joseph Chalker**, xehed dwar sentenza ezebita moghtija nhar id-29 ta’ Ottubru, 2009, mill-Magistrat Dr Saviour Demicoli kontra l-imputat, ezebita bhala Dok JC, folio 105.

Xehed **PS 180 Fabian Aquilina** dwar l-identita’ u l-volontarjeta’ tal-istqarrrija; kif ukoll xehdu **PS 1106 Farrugia** u **PC 1463 Borg**, dwar id-dikjarazzjoni tar-rifjut ghall-assistenza legali.

Minn naha tieghu, **PC 75 Kevin George Saliba** xehed dwar il-fatt illi hu u PS 321 Alan La Grasta, kienu bil-vettura tad-Distrett, meta semghu persuna anzjana tghajjat “*Pulizija! Pulizija!*”, anke bdiet taghmel gesti b’idejha biex tkellimhom. Meta hargu mill-vettura din qaltilhom li kienet sabet id-dawl mixghul. Gewwa huma sabu taqlib kbir.
Xehed illi din, meta staqsewha qabel kinx hemm xi haga fil-komodina li nstabet miftuha, din skondtu a tempo vergine kienet wegbithom hamsin elf Ewro (€50,000) f’denominazzjonijiet differenti.

Gew ikkonfermati wkoll ir-relazzjoniijiet ezebiti fuq nomini fl-Inkjesta ta’ John Sacco, **PS 239 Joseph Caruana**, **PC 1253 Fredrick Brincat**, u **PS 198 Arthur Debattista**.

Maghmul dan is-succint tal-provi, il-Qorti tghaddi issa biex tezamina dak li ssottomettew il-partijiet – il-Prosekuzzjoni in sostenn tal-provi migjuba minnha biex issahhah l-akkuzi

taghha; u d-Difiza (mhux ghax kienet hekk tenuta), biex tirribatti l-istess.

Ghalhekk, minn naha taghha l-Prosekuzzjoni ssottomettiet illi l-kawza minnha proposta kontra Bjorn Grima kienet tistrieh fuq il-filmat estratt mis-CCTV fejn kienet tidher illi l-vettura Toyota bin-numru tar-registrazzjoni IAA456 illi kienet inkriet, kif jirrizulta minn Avallone lill-imputat. Jirrizulta wkoll illi l-imputat irritorna din il-vettura fis-sbatax(17) ta’ Ottubru, 2010, ghall-habta tat-tmienja nieqes kwart ta’ filghaxija (7.45pm). Issottomettiet ukoll illi l-Prosekuzzjoni anke ppruvat illi l-imputat fil-hin tas-serqa, kien fl-akkwati ta’ Birkirkara (rapport ta’ lokalizzazzjoni prezentat minn Dr Martin Bajada).

Id-Difiza minn naha taghha, ovvjament ma kkontestatx is-serq sa certu punt, ghaliex mix-xhieda ta’ Maria Lourdes Muscat ma kinx car il-flus misruqa u parti mill-oggetti misruqa, illum darba mejjet huha, lil min kienu jappartjenu dawn! Ikkontendiet id-Difiza, illi l-unika prova li fil-fatt kellha l-Prosekuzzjoni kienet illi l-vann Toyota bir-rimmijiet u bil-carrier kif identifikati, kien wiehed illi kien gie mikri lill-imputat minn Ray Avallone. Accettat id-Difiza li dan il-vann fil-fatt kien mikri lill-imputat fil-hin tas-serqa. Ecepiet pero, illi hadd ma identifika mis-CCTV, il-persuni li jidhru nezlin minn din il-vettura. Accettat id-Difiza li fil-fatt gie wzat dan il-vann, pero ziedet illi din kienet l-unika prova - wahda cirkostanzjali, illi kienet fl-opinjoni tal-Prosekuzzjoni torbot lill-imputat mas-serqa. Fatt dan ribattut mid-Difiza, in kwantu ssottomettiet illi tali prova wahidha, ma setghet qatt twassal ghal htija.

Kompliet tissottometti d-Difiza, illi Grima, skont ma xehed Avallone, ried jirritorna l-vann mikri l-Hadd filghodu - kien l-istess Avallone li fil-fatt talbu jirritornalu l-istess vettura izjed tard.

Id-Difiza ghalhekk ikkontendiet illi l-Prosekuzzjoni kienet qieghda sserrah il-kawza taghha fuq prova cirkostanzjali wahdanija, primarjament. Per parentesi, sekondarjament id-Difiza kkontendiet ukoll illi l-flus misruqa ma kinux tax-xhud Maria Lourdes Muscat, skondtha ta’ huha; kif ukoll

illi l-istess xhud ma kinitx preciza fl-ammonti li nsterqu, ghalkemm jidher illi fil-verita' huha kien gibed ammont sostanzjali ta' flus mill-kond bankarju tieghu.

Biex il-Qorti terga' tmur lura ghall-ewwel linja difensjonali, il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-segwenti xhieda, li qal l-Ispettur in kontro ezami:

"*Difiza: U allura hawnhekk inti li qieghed isejjes dan ii-kaz jirrigwardja l-fatt illi hemm vann li nkera minn Grima u sussegwentement gie ritornat minn Grima.*
*Xhud: Hekk hu.* " (folio 314)

Dwar il-fatt illi l-provi cirkostanzjali jridu jkunu univoci u jippuntaw lejn direzzjoni wahda, il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija(Supt Carmelo Magri) vs Kyle Stone", deciza mill-Imhallef Dr Lawrence Quintano nhar l-20 ta' Settembru, 2013, qalet hekk il-Qorti:

"*Prova indizzjarja wahda jekk tkun univoka u ma taghti lok ghall-ebda spjegazzjoni ohra ghajr dik tal-htija tal-akkuza tista' tkun bizzejjed biex fuqha biss tinstab dik il-htija.*"

Blacksonte jghid hekk fuq circumstantianal evidence:
"*Circumstantial evidence is to be constrasted with direct evidence ….It does not necessarily follow that the weight to be attached to circumstantial evience will be less than that to be attached to direct evidence……Circumstantial evidence works by culmulatively in geometric progression eliminating other possibilies (DPP vs Kilbourne (1973) AC 729 per Lord Simon at p. 758)*
*Pullock CB, likening circumstantial evidence to a rope compressed of several cords, said:*
*One strand of the cord might be insufficiednt to sustain the weight, but these stranded together may be quite of sufficient strength.*

*Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction, or more than a mere suspicion but the whole, taken together, may create a*

*strong conclusion of guilt, that is, with as much certainty as human affairs can require or admit it (Exall 18664 F & F 922 at p. 929).*"

Illi maghmula s-segwenti konsiderazzjonijiet, jirrizulta ben car illi l-Prosekuzzjoni strahet biss u unikament fuq il-fatt illi Grima kellu fil-pussess tieghu fil-hin tar-reat il-vann mikri – u daqshekk. Kellha ragun id-Difiza li dan il-prova wahida certament mhix wahda inekwivoka li ma taghtix lok ghall-ebda interpretazzjoni ohra hlief htija, ghax kif ben issottomettiet, ma nafux ghax ma ngabitx prova, ghand min fil-fatt kien il-vann fil-hin tas-serqa. Din bhala prova unika u wahidha! Kienet tkun sitwazzjoni ferm differenti kieku l-Prosekuzzjoni assigurat bi provi ohra dan, allura kien ikollha l-habel aktar sod, in linea ma' dak illi qal il-Blackstone; jew assigurat illi tali prova kienet tant uniekwivoka li ma kinitx taghti lok ghal interpretazzjoni ohra!

Ghaldaqstant din il-Qorti, thoss illi m'ghandha ebda triq ohra hlief illi tillibera lill-imputat mill-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------